

# Passiġġata madwar il-Mosta...

## Aktar kappelli għas-servizz tal-akbar Parroċċa fil-gżejjer Maltin

*Is-Sur Louis Vassallo*

*Ir-ritratti kollha barra fejn indikat mod iehor huma tal-awtur*

Wieħed għandu mnejn jaħseb li l-kapitlu dwar il-kappelli Mostin għalaqnieh is-sena li għaddiet. B'kollox, jien u intkom il-qarrejja ta' dan l-annwal popolari, żammejna l-appuntament tagħna għal tlettax-il ħarġa kunsekuttiva. Tlettax-il edizzjoni mfawrin bi storja, fidi, kult, folklor u kurżità. Iżda għad fadal xi ngħidu! Fil-ħajja nisranija tal-Mosta, tinħass ukoll il-preżenza attiva ta' numru ta' istituti reliġjużi, li xi wħud minnhom għandhom ukoll il-kappella tagħhom. Hemm oħrajn li huma taħt l-amministrazzjoni tal-Parroċċa nfisha, dawk li nsibu f'xi residenzi privati u oħrajn f'binjiet pubbliċi. L-istedina tiegħi hi, li fil-ħsieb tagħna, nagħmlu passiġġata mat-toroq tal-Mosta biex bil-lenti f'idejna, niffukaw fuqhom u naraw x'għandhom x'joffrulna!

### Kummerċ u Kappella

Se nibdew mill-periferija tal-Mosta biswit iċ-Charles Abela Memorial Stadium. Fl-2014, il-kumpanija PG Holdings bdiet tibni kumpless kummerċjali b'investiment ta' għoxrin miljun euro u għandu jipprovdi mal-ħames mitt impjieg ġdid. Il-PAMA Shopping Village jinkludi fih diversi faċilitajiet, li fosthom insibu *supermarket,* ċentru ta' ħwienet, *gymnasium,* imħażen u parkeġġ għal



*Fil-Kumpless Kummerċjali li jinkludi fih il-Pama Supermarket insibu kappella*

sitt mitt karozza. Iżda dan mhux kollox. Jonqos li nsemmu l-kappella! Iva, il-propretarji ħassbu wkoll biex jipprovdu servizz reliġjuż lill-klijenti tagħhom. Però x-xogħol fuqha kellu jieqaf ħesrem għax għadha biss ġebel u saqaf! Jidher li l-Kurja għadha ma approvatx il-permess biex fiha jiġu amministrati s-Sagramenti tal-Ewkaristija u l-Qrar. Għalkemm xejn mhu ċert x'aktarx li din il-kappella tkun taħt il-protezzjoni ta' San Martin. Hawn, tajjeb li nsemmu li tefgħa ta' ġebla bogħod, tinsab il-lokalità ta' Ħal Mann li tagħmel mal-Parroċċa ta' Ħal Lija. Għalkemm jinsab fi stat ta' telqa kbira, għadu magħna ċimiterju qadim ħafna magħruf bħala 'tal-Abbati'. Jingħad li dan il-post tad-dfin kien xi darba knisja f'ġieħ l-Assunta. Iżda kollox hu mitluf fiċ-ċpar taż-żminijiet!

### Ta' Mlit

Mal-Mostin din iż-żona hi magħrufa bħala 'Ta' Mlit'. Il-Mosta tiftaħar li għalkemm kbira fil-għadd, għadha Parroċċa waħdanija, soda u organizzata. Fl-1988, il-Kurja ħasset il-ħtieġa li twaqqaf b'digriet erba' żoni pastorali, bl-iskop li l-Parroċċa tibqa' waħda ħajja u magħquda. Iż-żoni huma l-Bidnija, Sant'Andrija, Santa Margerita u Ta' Mlit. L-ewwel tlieta, diġà tajna tagħrif dwarhom fl-artikli preċedenti.

F'Ta'Mlit insibu madwar 900 familja u dawn isibu s-servizzi kollha li toffri l-Parroċċa tagħna b'mod regolari. Għal dan il-għan, fl-1998, fi Triq iċ-Ċinju ġiet mibnija u mbierka l-kappella Ta' Mlit, li hi ddedikata lil Marija Omm il-Knisja. Sena wara, fl-1999, inbena wkoll ċentru tad-duttrina. Kuljum jingħad ir-Ružarju u wara tiġi ċċellebrata quddiesa fis-6.00pm. Fil-Ħdud, il-quddiesa tkun fid-9.00am. Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar issir Adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat. Hawnhekk, jiġu ċċelebrati l-festa tal-Milied u l-funzjonijiet marbuta



*Fi Triq iċ-Ċinju fiż-żona Ta' Mlit insibu l-Kappella ddedikata lil Marija Omm il-Knisja*




*Il-Kappella privata tar-residenza "Casa Grognet" fi Triq il-Kbira*

mal-Ġimgħa Mqaddsa, fejn wieħed isib ukoll l-artal tal-Adorazzjoni (is-Sepurklu) għall-kumdità tal-poplu. Isiru wkoll l-eżerċizzi fit-tieni Ġimgħa tar-Randan. Fost oħrajn, f'dan iċ-ċentru jiltaqgħu l-Grupp Pastorali, l-abbatini u l-letturi, il-Grupp San Gabriel, il-Grupp Santa Marta u l-grupp tal-*fund raising*. Il-movimenti tal-Leġjun ta' Marija u Familji Nsara jipprovdu minn hawnhekk tagħlim u formazzjoni għall-membri tagħhom u għal kull min jixtieq jingħaqad magħhom. Din iż-żona għandha l-grupp partikolari tagħha, magħruf bħala Klabb Nisa ta' Mlit. Fil-kappella tista' issir iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ. Fil-preżent ir-rettur tagħha hu Dun Andre Zaffarese. Il-festa ta' Marija Omm il-Knisja tiġi ċċelebrata fl-aħħar ġimgħa ta' Ottubru.

Din il-kappella ġiet imbierka nhar it-30 ta' Ottubru 1998. Il-perit li ħa ħsieb il-pjanta tagħha hu Joseph Sapienza u x-xogħol tal-bini kien fdat f'idejn il-kumpanija Attard Bros. F'din il-kappella bi stil kontemporanju nsibu fiha patrimonju mill-aktar għażiż. Sewwa sew fis-sagristija tagħha sabet il-wens u l-ġabra l-għamara li kienet tas-sagristija tal-knisja parrokkjali l-qadima ta' Tumas Dingli. L-artal u l-ambone li huma tal-irħam, flimkien mat-tabernaklu huma xogħol tal-Iskultur Mosti Ġanni Bonnici. Tidher li din iż-żona pastorali li tinsab fil-bidu tal-Mosta fuq in-naħa ta' wara tal-grawnd tal-futbol li hemm faċċata tat-Technopark, hi waħda mimlija ħeġġa u impenn, frott il-ħidma ħabrieka tar-residenti nfushom.

**Casa Grognet**

Inħoss li għandi ninkludi f'din il-kitba, kappella privata, u dan għall-fatt li l-bieb tagħha jagħti għat-triq. Din tinsab fi Triq il-Kbira, erba' passi 'l fuq mill-istatwa ta' San Ġużepp u tagħmel parti mir-residenza privata bl-isem ta' 'Casa Grognet'. Dari, din id-dar sabiħa u spazjuża kienet imlaqqma "tan-Nutar". Din il-binja qadima kienet serviet ukoll bħala l-ewwel Oratorju għat-tfal bniet tal-parroċċa. Dan l-Oratorju ġie miftuħ għat-tagħlim tad-duttrina nhar it-13 t'Awwissu 1914. Għal xi żmien dan l-Oratorju serva wkoll biex fih imorru jitgħallmu l-iskola dawk ix-xebbiet li ma kinux jafu jaqraw u jiktbu. Setgħu wkoll jitgħallmu xogħol ta' bizzilla, tifsil, ħjata u rakkmu. Fi żmien it-tieni gwerra dinjija dan il-post ġie meħud mill-Militar Ingliż għar-refuġjati. Intant, fil-faċċata ta' din il-kappella nsibu skrizzjoni bl-Ingliż minquxa fl-irħam u ndurata bid-deheb li tgħid "Chapel of the blessed Gerald". Fiha nsibu l-kwadri tal-Via Sagra, xogħol il-Pittur Tony E. Spiteri, li meta kien mimli bl-għomor kellu l-istudio tiegħu quddiem l-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesù. L-għażiż Toni, kif konna nsejħu lil dan il-Pittur bravu, irnexxielu jsawwar b'suċċess din l-opra sagra ta' livell artistiku għoli. (1)

Nafu li hemm xi djar Mostin li għandhom kamra partikulari biex tintuża bħala kappella. Imma m'għandhomx aċċess pubbliku għax huma nkorporati fid-djar infushom u għalhekk huma biss għas-servizz privat tal-familjari tagħhom.

**L-Iżgħar Kappella**

Kull min jitwieled irid imut u la hemm il-mewt hemm ukoll id-dfin. Nhar il-5 ta' Awwissu 1837, il-kappillan tal-Mosta, Dun Ġammari Schembri bierek ċimiterju li kien inbena fuq biċċa art li kienet inkisbet mingħand il-Gvern Ingliż fi żmien il-Gvernatur Bouvaire. Tajjeb li nsemmu li sal-1974, id-dfin kien ġeneralment isir fil-kannierja tar-Rotunda. In-nanna Karmni li tiġi omm missieri, hi fost tal-aħħar li kienet indifnet fil-kannierja. Wara kienet saret talba biex il-parruċċani jidfnu l-għeżież tagħhom fiċ-ċimiterju ta' tarf ir-raħal,



*Iċ-Ċimiterju tal-Mosta hu mwennes b'kappella ċkejkna f'ġieħ il-Madonna tal-Karmnu*

fi Triq Duramblat. Dan sar possibbli meta bdew jinbiegħu oqbra ġodda f'dan iċ-ċimiterju, bl-ewwel dfin isir fl-1975. Ġie mkabbar fis-snin disgħin tas-seklu għoxrin, meta nfetħet parti oħra fin-naħa ta' wara ta' dan iċ-ċimiterju. Hekk kif tixref mir-rixtellu 'l ġewwa tolqtok kappella ċkejkna li hi ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. Fil-fatt, din hi l-iżgħar kappella fost ħutha Mostin! Hi sservi għall-quddies li jsir regolarment f'dan iċ-ċimiterju mhux biss fix-xahar ta' Novembru, imma wkoll matul is-sena kollha, bħal ngħidu aħna fix-xaħar ta' Awwissu għall-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija. Iċ-ċimiterju fit-tarf tal-Mosta hu miżmum tajjeb ħafna u jkun miftuħ matul il-ġimgħa kollha.

**"Pax Et Bonum"**

Bil-mod il-mod nibdew nersqu lejn iċ-ċentru tal-Mosta. Sejrin inżuru fil-ħsieb tagħna l-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani fi Triq Ġlormu Cassar magħruf bl-isem ta' "Pax et Bonum". Dawn is-sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù stabbilew ruħhom fil-Mosta fl-1959. L-ewwel fażi tad-dar "Pax et Bonum" tlestiet għall-ħabta ta' Marzu 1961. Iżda seba' snin biss wara ħassew il-ħtieġa li din id-dar terġa' titkabbar biex jinpenjaw ruħhom totalment għal kura ta' nisa u xebbiet anzjani.



*Il-Kappella hi l-aktar post ta' mistrieħ għar-residenti anzjani fid-dar "Pax et Bonum"*

Kienet il-ħabrieka Madre Louisa Busuttil li ġieha l-ħsieb biex tagħti bidu għal din l-opra li għalkemm bil-ħlas, hi fl-istess waqt ta' fejda kbira. Ix-xogħol tas-sorijiet huwa prinċipalment li jieħdu kura tan-nisa anzjani b'dak kollu li ġġib magħha l-età avvanzata. Bla dubju, il-kura spiritwali żgur li mhix nieqsa, fejn l-anzjani għandhom servizz ta' konfessuri għall-qrar, tqarbin kuljum u kif ukoll il-Griżma tal-morda u assistenza spiritwali fl-aħħar nifsijiet ta' ħajjithom.

Il-kappella hi l-aktar post ta' mistrieħ għal dawn l-anzjani, fejn fiha jirringrazzjaw lil Mulej ta' dakkollu li jagħmel magħhom u jattendu għall-funzjonijiet kollha liturġiċi. Isiru żewġ quddisiet kuljum matul il-ġimgħa kollha. Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar issir Adorazzjoni, waqt li fi żmien ir-Randan isir kors ta' eżerċizzi spiritwali għan-nisa. Il-quddiesa fil-lejl tal-Milied u l-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa huma parti mill-kalendarju Nisrani li tant jagħtu kuraġġ spiritwali lil dawn ir-residenti. Isir quddies speċjali f'ġieħ id-devozzjoni lejn San Piju tal-Pjagi, tal-Ħniena Divina, tal-Beatu Nazju Falzon u tal-Madonna tal-Karmnu li għaliha hi ddedikata din il-kappella. Tajjeb li ngħidu li l-quddies u l-funzjonijiet kollha, hu mistieden għalihom kulħadd. Hi kappella mdaqqsa sew u mdawla tajjeb b'mod naturali.

**Ta' Santa Monika**

Jekk niġbdu lejn Triq il-Kungress Ewkaristiku u naqbżu Triq Ponsonby niġu fi Triq Anġlu Gatt. Hawnhekk insibu l-Istitut tas-sorijiet Agostinjani li ġie mbierek solennament minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi nhar il-Ħadd, 12 ta' Awwissu 1954. L-ewwel istitut tagħhom kien fi Triq il-Paroċċa, fin-naħa ta' wara tal-Knisja parrokkjali. Billi l-għadd ta' studenti beda' jikber ġmielu ħassew il-ħtieġa li jibnu post ġdid. Il-pjanta ħa ħsiebha l-Perit Micallef u l-bennej kien il-Mosti Paċifico Falzon. Bħala skola tilqa' fiha tfal tal-Kindergarten u studenti tal-Pre-Grade, Grade I u II. Kienet maħsuba wkoll biex isservi għall-aspiranti li xtaqu jingħaqdu mal-Komunità tas-Sorijiet ta' Santu Wistin. Il-kulleġġ ġie msemmi għal Theresa Spinelli li hi l-fundatriċi tal-Ordini tas-Sorijiet Agostinjani u jinkorpora fih ġnien kbir, *playground,* teatru u kappella li hi ddedikata lil Santa Monika.

Fl-2008 is-sorijiet imbarkaw fuq il-proġett tat-tkabbir u t-tisbiħ tal-kappella, fejn ingħatat dehra ġdida. Ikun hemm żewġ quddisiet kuljum fis-6.45am u fis-6.00pm (barra nhar ta' Tnejn).



*Fl-Istitut tas-sorijiet Agostinjani nsibu kappella ddedikata lil Santa Monika*

Waqt li s-Sibt, il-ħin tal-quddies hu fis-6.45am u fis-6.30pm. Fil-Ħdud u festi kmandati, il-quddiesa toħroġ fis-7.00am u fit-8.30am. Hawnhekk ukoll isiru l-quddiesa fil-lejl tal-Milied, l-eżerċizzi tar-Randan u l-funzjonijiet f'Ħamis ix-Xirka u nhar il-Ġimgħa l-Kbira. F'Mejju tiġi ċċelebrata l-festa ta' Santa Rita. Mit-Tnejn sal-Ġimgħa ssir l-adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat mid-9 sal-11am. L-adorazzjoni ssir ukoll kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar u fit-tielet Ġimgħa tax-xahar. Il-kappella ta' Santa Monika hi miftuħa għall-pubbliku u tagħti servizz liturġiku tajjeb ħafna lir-residenti ta' madwar dan l-Istitut Agostinjan. Ma rridux ninsew insemmu s-*St.Monica School of Music* u s-*St Monica Choir* li jagħtu isem sabiħ u ta' prestiġju lil dan l-Istitut fil-qalba tal-Mosta, madwar il-pajjiż kollu.

**Tal-Bonu**

Inħaffu riġlejna tul Triq Ponsonby sa ma naslu fi Triq it-Torri, quddiem id-dar numru tletin. Fir-remissa ta' ħdejn id-dar tal-familja Agius tinsab kappella privata f'ġieħ Marija Addolorata. Il-faċċata hi msebbħa b'żewġ statwi tal-ġebel li jirrappreżentaw lill-Madonna tal-Karmnu u lil San Ġużepp, li huma xogħol tal-Iskultur Mosti Ċensu Agius li ħadimhom fl-1892. Għal dawn l-istatwi kien għamel ukoll żewġ mensoli biex jitpoġġew fuqhom, waqt li fil-parti ta' fuq ħadem żewġ arzelli ta' stil neoklassiku. Tajjeb li ngħidu li Ċensu kien jaħdem il-karettuni f'din ir-remissa fejn twebbel li jiskolpi fl-injam ix-xbieha tal-Madonna bi Kristu mejjet fi ħdanha. Għal dan il-grupp statwarju kien ħadem b'suċċess prospettiva mill-aqwa tal-injam ukoll. Ċensu miet fl-1939 u ibnu Salvu kompla fuq il-passi ta' missieru, tant li rnexxielu jittrasforma din ir-remissa f'kappella lil Marija Addolorata. Maż-żmien Salvu żejjen 'il din il-kappella b'ħafna xogħlijiet li ħadem hu stess fl-injam, bħalma huma l-artal, il-Via Sagra u l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira flimkien man-niċeċ oriġinali tagħhom. Fl-1944 saret f'din il-kappella l-ewwel quddiesa f'ġieħ id-Duluri, ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira, waqt li fil-bidu tas-sittinijiet tas-seklu XX ġiet imbierka l-Via Sagra.



*Fi Triq it-Torri hemm kappella privata f'ġieħ Marija Addolorata*

Imbagħad kien imiss lil Karmnu li jkompli jindokra l-kult li għaddewlu nannuh u missieru. Hu rsista biex bejn iż-żewġ naħat tal-istatwa ewlenija jitpittru żewġ anġli jżommu f'idejhom simboli tal-Passjoni, li huma xogħol il-Pittur Għawdxi Paolo Camilleri Cauchi. Fl-1995, fuq in-naħa ta' wara, iżżanżnet pittura f'għamla tawwalija tal-Artist Raymond Pitrè, li turi d-dehra tal-Kruċifissjoni ta' Kristu.

Ta' kull sena fil-festa tad-Duluri titqaddes quddiesa kantata fis-7.00am. L-artal ikun imżejjen b'sett fjuretti tal-ganutell mill-isbaħ, xogħol il-Mosti Charlo Vella. Kemm għal din l-okkażjoni u kif ukoll nhar il-Ġimgħa l-Kbira, il-kappella tkun armata u mżejna b'ħafna arranġamenti tal-fjuri, ġulbiena u xemgħat li jagħtuha dehra straordinarja. Karmnu "il-Bonu", kif kien magħruf mal-Mostin ħalliena fit-23 ta' Novembru 2013 fl-età ta' 88 sena. It-tfal tiegħu b'mod kollettiv jirsistu b'imħabba biex dan il-patrimonju li wasal għandhom mingħand qrabathom jibqa' jitgawda għal tul is-snin fl-aħjar kundizzjoni possibbli. Tant hu hekk li matul is-sena f'din il-kappella qed jiġi esebit xogħol sagru minn artisti Maltin.

**F'Ġieħ San Ġorg Preca**

B'mod naturali naslu sal-Pjazza u nidħlu fil-każin tal-Banda Nicolò Isouard. Fi żmien il-Presidenza tas-Sur Nazzareno Vassallo bejn is-sena 2000 u l-2013, kamra mdaqqsa ġiet mibdula f'kappella u ġiet iddedikata lill-ewwel qaddis Malti San Ġorg Preca. Hawn insibu kwadru ta' San Ġorg Preca xogħol ta' Ray Pitrè, li kien ġie regalat lis-Soċjetà mill-benefattur Ivan Scerri u ġie mbierek minn Mons. Bartolomeo Bezzina nhar it-Tnejn, 9 ta' Mejju 2005.



*Il-Każin tal-Banda Nicolò Isouard hu mogħni b'kappella ddedikata lil San Ġorġ Preca u li l-artal kien miġjub mill-Kappella tal-MUSEUM fil-Blata l-Bajda*

L-artal tal-kappella kien ġie relagat minn Giovanni Gatt, nhar it-Tlieta, 26 ta' Ottubru 2005. Qabel, dan l-artal tal-irħam abjad kien fil-kappella tal-MUSEUM fil-Blata l-Bajda. Ġie mbierek mill-Arċipriet Dun Mario Tong nhar il-5 ta' Novembru 2004, qabel il-quddiesa tal-ewwel Ġimgħa tax-xahar, fil-preżenza tal-kongregazzjoni miġbura. Fil-fatt, is-Soċjetà tieħu ħsieb din il-quddiesa kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar, fejn il-kappella dejjem tkun mimlija bin-nies. Ġeneralment, il-quddiesa titqaddes b'suffraġju għal ruħ ta' xi bandist, membri tal-kumitat jew xi benefatturi ta' din is-Soċjetà Filarmonika Mostija.

Il-kappella hi mżejna b'sett ta' kwadri tal-Pittur Mosti Dione Borg, li juru l-kappellani kollha li mexxew lis-Soċjetà sa mill-bidu tal-fondazzjoni tagħha. Fost oġġetti oħra ta' interess, din il-kappella ġiet attrezzata b'għamara tal-ġewż li fihom hemm esebiti diversi abiti sagri u muzzetti tal-Fratellanzi Mostin.

**Il-Katekumenju**

Bil-galbu naqsmu l-pjazza u niġbdu lejn il-bandli ta' wara r-Rotunda, fejn fi Triq il-Knisja nsibu l-katekumenju. Il-mixja Neo-Katekumenali twaqqfet f'pajjiżna fl-1973 u llum tinsab imferrxa f'għadd ta' parroċċi madwar Malta u Għawdex. Dan il-moviment qiegħed għas-servizz tal-Isqfijiet bħala mezz kif tista' titwettaq fid-djoċesi d-daħla tal-fidi Nisranija u l-edukazzjoni permanenti fil-fidi, skont dak li juri kemm il-Konċilju Vatikan u kif ukoll il-Maġisteru tal-knisja. Nhar id-9 ta' Frar 2000, l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Ġużeppi Mercieca bierek u inawgura l-Katekumenju li għandu pjanta tal-Perit Andrew Ellul. Fih saru bosta laqgħat tas-Sinodu Djoċeżan u kif ukoll l-Assemblea Parrokkjali tal-Mosta. F'dan iċ-ċentru Neo-katekuminali Djoċeżan jiġu organizzati katekeżi



*Fil-għodwa tal-Għid tal-Assunta tiġi ċċelebrata quddiesa fil-Katekumenju fil-ħdax ta' filgħodu (ritratt: Liberata Vassallo)*

għall-adulti u ż-żgħażagħ minn tlettax-il sena 'l fuq. Il-Katekumenju hu ċentru kbir u hu mqassam tajjeb ħafna, skont il-ħtiġijiet tal-membri nfushom. Il-qalba tiegħu hi s-Sala Liturġika u li fiha, nhar ta' Sibt filgħaxija l-imsieħba fil-Mixja jiċċelebraw l-Ewkaristija flimkien. Dawra mejt naraw ikoni kbar, xogħol l-Ikonografu Spanjol Kiko Arguello. Waqt li x-xogħol tal-i*stained glass* tħalla f'idejn il-Mosti Johnny Vassallo. Meta jinħass il-bżonn, l-aktar meta jkun hemm xi okkażjoni speċjali fir-Rotunda, bħal ngħidu aħna ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewwel Tqarbina fost oħrajn, il-quddiesa ta' dak il-ħin partikulari ssir fil-Katekumenju. Nhar l-għodwa ta' Sibt il-Għid, is-saċerdoti tal-Parroċċa u l-lajċi jinġabru fil-Katekumenju għat-Talb tal-Uffiċċju tal-Qari ta' Sbiħ il-Jum.

**Il-Mustina**

Mill-bieb tal-Katekumenju nimxu erba' passi u noħorġu għal Triq il-Kostituzzjoni fejn hemm tinsab il-Kappella tal-Adorazzjoni, magħrufa bħala l-Mustina. Wasla sa hawn hi okkażjoni biex tikber f'imħabbtek lejn is-Santissmu Sagrament tal-Ewkaristija. Hawn hu l-post ideali biex tfittex, timmedita, titlob u tirċievi l-Barka t'Alla. Il-Kappella tal-Adorazzjoni tagħmel parti integrali minn Dar S. Ewfrasja li tinsab fi Triq Papa Ġwanni XXIII u qiegħda taħt il-ħarsien tas-sorijiet tal-Bon Pastur. Huma ġew joqogħdu l-Mosta nhar il-11 ta' Ottubru 1971. Din il-kongregazzjoni ġiet imwaqqfa minn St. M. Euphrasia Pelletier fil-bidu tas-seklu dsatax u l-ispirtu tagħha ta' merħba, ta' tjubija u ta' għajnuna individwali lil kulħadd għadu jgħix fost is-sorijiet sal-ġurnata tal-lum. Id-dar tagħhom hi dejjem miftuħa għal dawk l-individwi u gruppi żgħar li jixtiequ jagħmlu użu minn dan il-post. Fil-fatt huma joffru servizz ta' pariri u għajnuna lill-proxxmu fil-bżonn. Fost gruppi oħrajn hawn jiltaqa' l-Mustina Club, għan-nisa, kull nhar ta' Erbgħa fl-10.00am.



*Il-Kappella tal-Adorazzjoni magħrufa bħala l-Mustina fi Triq il-Kostituzzjoni*

Għal xi snin, is-sorijiet flimkien mal-uffiċċju Parrokkjali kienu jikkordinaw it-tqassim tal-ikel mogħti mill-Unjoni Ewropea lil dawk li tassew jeħtiġuh. Il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Mustina hu kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa mid-9.00am sad-9.00pm. Waqt li l-Ħamis u s-Sibt, il-Kappella tkun miftuħa bejn id-9.00am u s-6.00pm.

**Dar tal-Irtiri**

Issa jeħtiġilna li nieħdu nifs qawwi biex nirrankaw għat-telgħa li Triq il-Kostituzzjoni toffrilna, fejn lejn l-aħħar tagħha nilwu fuq ix-xellug. Hawn insibu ruħna fi Triq il-Missjunarji Maltin. B'seba' mitt għajn naqsmu din it-triq tant traffikuża sabiex nidħlu f'Mount St. Joseph li hi dar tal-irtiri mmexxija mill-Patrijiet Ġiżwiti. Din id-dar li toffri silenzju u riflessjoni hi mifruxa fuq erbatax-il tomna art, fl-inħawi ta' Tarġa Gap. Il-faċċata tagħha tħares lejn il-Gżejjer ta' San Pawl u s-Salini. Waqt li minn naħa l-oħra, wieħed jista' jgawdi l-kampanja tal-madwar u fl-istess ħin jammira l-kobor u l-ġmiel li l-koppla tal-knisja tal-Mosta taf toffri. Kemm id-dar infisha u kif ukoll il-ġonna li jdawruha huma ġawhra ta' arkitettura tal-bidu tas-seklu għoxrin. Fil-fatt, il-MEPA nkludiet din il-binja fil-lista ta' propjetà b'għarfien Nazzjonali li jistħoqqilhom protezzjoni u konservazzjoni. Meta kont qed nikteb dan l-artiklu,



*L-istatwa kbira ta' San Ġużepp, xogħol ta' Ċensu Apap li tilqa' lil pellegrini f'Mount St. Joseph*

f'Mejju 2015, Mount St Joseph kienet f'ċentru ta' kontroversja fil-midja lokali. Dan għall-fatt li saret applikazzjoni biex fil-Biżbiżija, limiti tal-Mosta, ikun hemm *shooting range* u servizzi anċillari. Din l-aħbar ġabet oppożizzjoni ħarxa mill-Ġiżwiti, fejn isostnu li d-dar tal-irtiri tagħhom għandha tkompli tgawdi l-privileġġ tas-skiet hu b'hekk ma jkunux disturbati mit-tfaqqigħ tal-plattini. Wara xahar u nofs, il-Gvern biddel id-deċiżjoni tiegħu għall-proġett ta' dar għall-irtiri b'faċilitajiet ta' agrituriżmu. Mount St. Joseph tesa' mad-disgħin ruħ u għandha ġonna kbar u msaġġar u kif ukoll wesgħa għall-meditazzjoni. Il-kappella li tinsab f'dan il-kumpless reliġjuż hi ddedikata lill-Kurċifiss. Fiha jsiru laqgħat ta' Ekumeniżmu bejn il-Kattoliċi u l-Anglikani, fejn fihom jitħaddem djalogu fi spirtu ta' rieda tajba biex ikun hemm għarfien ta' xulxin bħala aħwa fi Kristu. Fuq in-naħa ta' barra, naraw statwa kbira ta' San Ġużepp, maħduma mill-konkrit. Din saret fl-1964 u hi xogħol l-Iskultur Ċensu Apap (1909 – 2003).

**Oasi ta' Sliem**

Il-passiġġata li jien stedintkom għaliha tasal fi tmiemha hawnhekk. Qabel ma' kulħadd imur għal triqtu, tajjeb li nistrieħu ftit f'din l-oasi ta' sliem, biex ingawdu s-seħer tal-kwiet u l-paċi. Dan hu mument speċjali f'ħajjitna biex nesperjenzaw il-privileġġ tas-skiet qabel ma nerġgħu noħorġu fl-ambjent ta' storbju u ġenn li joffrulna l-impenji ta' kuljum!

*Nota: Nhar is-7 ta' Ġunju 2008, fir-Razzett tal-Markiż ġiet inawgurata wirja bl-aħjar xogħlijiet ta' Tony E. Spiteri. Fil-kamra ta' bejn iż-żewġ btieħi kienu esebiti għalihom dawn il-kwadri tal-Via Sagra tassew artistiċi u devoti.*

***Referenzi:***


- E.B.Vella u oħrajn – "Storja tal-Mosta", (Malta, 1972/1986)
- George Cassar u Joseph G.M. – "Il-Mosta, Il-Mostin u r-Rotunda tagħhom matul iż-żminijiet", (Malta, 2007)
- "Bliet u Rħula Maltin" – Enċiklopedija ta' tagħrif dwar kull belt u raħal, Nru.19, Marzu 1990
- Annwal 2014, Soċjetà Filarmonika Santa Marija – "Il-Parroċċa tal-Mosta jingħatawlha erba' żoni pastorali" – kitba ta' Dr George Cassar
- Direttorju Parrokkjali 2006, Uffiċċju Parrokkjali Mosta
- Il-Mosta Nru. 156 Jannar – Marzu 1995 "Il-Kappella tad-Duluri fi Triq it-Torri" – Kitba ta' Joseph Borg
- Annwal 2007, Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard "Għas-skiet u l-ġabra – Waqtiet ta' riflessjoni" – Kitba ta' Louis Vassallo
- Annwal 2005, Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard "Mid-Djarju tal-Każin" – Kitba ta Saviour Dimech
- www.mostachurch.com
- www.tvm.com.mt
- Ħajr lis-Sur Joe Vassallo tat-tagħrif li għaddieli dwar il-Katekumenju.